**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 112/18 RM**

**Louise Cachia Castelletti**

**-Vs-**

**Robert Borg**

**Illum, 20 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Mejju 2018 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma komplessiva ta' ghaxart elef mija u tlett Euro u disgha u sebghin euro centezmi (€10,103.79) rapprezentanti awment annwali dovut fir-rigward tal-manteniment ghal uliedu u nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni, sahha u attivitajiet extra-kurrikulati li dwarhom kien hemm qbil bejn il-partijiet, kif il-konvenut inhu obbligat li jhallas ghat-tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 23 ta' Settembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (kopja annessa bhala Dokument "A").

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru /18 u tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru 2017 (kopja annessa bhala Dokument "B") u bl-imghaxijiet legali kkalkolati mid-data tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Gunju, 2018 fejn tressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi l-attrici trid tindika il-mod li bih waslet ghac-cifra mitluba minnha fl-avviz u taghti rendikont dettaljat tal-pretensjonijiet taghha;*

3. *Illi mhuwiex minnu li kien hemm xi qbil kif qed jindika l-avviz;*

4. *Illi possibilment it-talbiet maghmula mill-attrici huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' hames snin;*

5. *Illi dwar iz-zieda fil-manteniment jigi eccepit li l-kuntratt ta' separazzjoni jghid li il-manteniment tat-tfal ghnadu jizdied bl-istess percentwali li bih tkun gholiet il-hajja basta il-pagga tar-ragel tkun gholiet bl-istess percentwali;*

6. *Illi talba ghall-hlas ta' manteniment hi preskritta wara hames snin;*

7. *Illi ir-ragel obbligat ihallas biss nofs il-kontijiet konnessi mal-edukazzjoni u sahha u nofs il-kontijiet konnessi mal-attivitajiet extra kurrikulari li dwarhom ikun hemm qbil minn qabel. Biex ikunu dovuti dawn il-kontijiet kollha il-mara obbligata taghti kopja tar-ricevuti lir-ragel bil-kontenut kollu jidher ghalhekk-*

*i.* *Illi jekk fil-pretensjoni tal-attrici hemm kontijiet konnessi ma' attivitajiet extra-kurrikulari, probabilment ghal hafna minnhom ma kien hemm ebda qbil minn qabel dwarhom; u dan ghax l-attrici dejjem hasset li dwar it-tfal tista tiddeciedi wahedha;*

*ii.* *Illi dwar nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha u nofs l-ispejjez konnessi mal-attivitajiet extra-kurrikulari, pretizi mill-attrici, l-attrici hi obbligata taghti kopja tar-ricevuti kollha lir-ragel biex hu jkun obbligat ihallas, u ukoll l-ircevuti iridu juru il-kontenut kollu li jiddeskrivi u jiggustifika in-nefqa - fin-nuqqas ta' dan il-konvenut ma jkunx obbligat ihallas.*

8. *Illi l-attur dejjem hallas dak li kien dovut minnu skont id-dettami tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

9. *Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra il-konvenuta.*

Semghet ix-xhieda u rat l-Affidavit tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici fit-13 ta' Mejju 2021;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mill-konvenut ipprezentata fit-8 ta' Lulju 2021 u semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni tal-Preskrizzjoni**

Il-konvenut fir-raba' u s-sitt parafgrafi tar-Risposta tiegħu jqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-ħames snin kwantu għat-talba attriċi għall-ħlas tal-awment fil-manteniment dovut għal uliedu.  Fir-raba' paragrafu tar-Risposta l-konvenut eċċepixxa illi "*possibbilment, it-talbiet tal-attriċi huma preskritti bil-preskrizzjoni ta' ħames snin*" filwaqt li fis-sitt paragrafu jispeċifika illi "*t-talba għall-ħlas tal-manteniment hi preskritta wara ħames snin.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm hija nieqsa fir-Risposta l-indikazzjoni tal-Artikolu tal-liġi li fuqu ġiet imsejsa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, dan in-nuqqas ġie eventwalment indirizzat mill-konvenut fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019 fejn l-abbli difensur tiegħu iddikjara li l-Artikolu tal-liġi dwar il-preskrizzjoni minnu invokat fir-raba' u s-sitt paragrafi tar-Risposta tal-konvenut, huwa l-Artikolu 2156(b) tal-Kodiċi Ċivili. Imbagħad, fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu fit-8 ta' Lulju 2021, ġie sottomess illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija bbażata mhux biss fuq is-subinċiż (b) iżda wkoll fuq is-subinċiż (f) tal-istess Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu għat-talba attriċi għall-ħlas ta' "*nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa mis-sena 2010 sas-sena 2012*".

Il-Qorti minnufih tqis illi dan il-mod garbaljat li bih ġiet sollevata l-eċċezzjoni ta-preskrizzjoni ma jagħmel xejn biex jiffaċilita r-riżoluzzjoni tal-vertenza. Ibda biex jiġi ribadit il-prinċipju ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, illi l-preskrizzjoni, peress li fiha nnifisha hija odjuża, teħtieġ li tiġi sollevata formalment permezz ta' Risposta fl-għamla ta' eċċezzjoni u mhux sempliċement permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet. Għalkemm hu minnu illi din l-eċċezzjoni tista' tiġi sollevata fi kwalsiasi żmien waqt il-proċeduri, anke fl-istadju ta' appell, huwa meħtieġ f'kull każ bħala waħda mill-prinċipji bażilari tas-smigħ xieraq, illi l-partijiet kontendenti jridu jkunu dejjem f'posizzjoni li jkunu jafu bi preċiżjoni f'hiex jikkonsisti d-dibattitu legali mill-bidu tal-kawża. Il-liġi trid li jkunu eliminati sorpriżi li joħorġu fl-aħħar tas-smiegħ jew meta titħalla għas-sentenza, sorpriżi li jinnegaw lil xi waħda mill-partijiet mill-jedd tiddefendi lilha nnifisha kif jixraq.

Issa fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti jirriżulta li filwaqt illi l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni fir-Risposta tiegħu, kien biss wara l-egħluq tal-provi u fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali li mhux biss indika s-subinċiż (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 bħala l-bażi għall-preskrizzjoni minnu eċċepita, iżda wkoll iddikjara espressament li din il-preskrizzjoni tapplika speċifikatament għat-talba għall-ħlas ta' nofs l-ispejjez tas-saħħa u edukazzjoni. Madanakollu, huwa minnu li l-konvenut kien diġà' issolleva din l-eċċezzjoni, għad illi b'mod infeliċi għall-aħħar, fir-Risposta tiegħu u l-attriċi

kellha wkoll l-opportunita' li tirribatti din l-indikazzjoni ġdida tal-Artikolu tal-liġi in sostenn tal-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut waqt it-trattazzjoni finali tal-kawża. Huwa għal dawn ir-raġunijiet biss li l-Qorti sejra tieħu konjizzjoni ta' din l-indikazzjoni mill-konvenut tal-Artikolu 2156(f) bħala bażi għall-preskrizzjoni eċċepita u dan kwantu għat-talba għall-ħlas ta' nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u saħħa.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tibda biex tittratta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni safejn din hija indirizzata biex tilqa' għal **dik il-parti mit-talba attriċi li tikkonċerna l-ħlas tal-manteniment għal ulied minuri** in kwantu għall-awment li baqa' ma tħallasx matul is-snin bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet kontrattwali fil-kuntratt ta' separazzjoni konkluż bejn il-partijiet[1].

Illi huwa evidenti li l-attrici mhux qiegħda taġixxi f'din il-kawża *de proprio* biex tirkupra l-hlas ta' manteniment dovut lilha, izda qiegħda taġixxi biex tirkurpa l-hlas ta' manteniment dovut għaż-żewġ uliedha skont it-termini pattwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni. Dan il-kuntratt jistipola, fil-klawsola bin-numru 8, li r-raġel, ċioe' l-konvenut, "***għandu jħallas lill-mara bħala manteniment għall-ulied minuri*** *is-somma ta' erba' mitt Euro (€200 għal kull wild) kull l-aħħar tax-xahar u dan sakemm l-ulied jagħlqu l-eta' ta' tlieta u għoxrin sena*"[2], skont kundizzjonijiet oħrajn. Minn dan hu ovvju li l-manteniment li l-konvenut intrabat li jħallas f'dan il-każ, huwa dovut lil uliedu, u dan in linea mad-dover fondamentali tal-ġenitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, skont kif enunċjat fl-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili[3].

---

[1] Klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

[2] Emfasi tal-Qorti.

[3] Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa", insibu l-Artikolu 7 li jipprovdi hekk:- (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B. Artikolu 19 (1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni. (2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.

L-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16, indikat mill-konvenut bħala l-bażi għall-eċċezzjoni tiegħu tal-preskrizzjoni sollevata fir-raba' u s-sitt paragrafi tar-Risposta, jipprovdi:-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin: .... omissis ... (b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-*manteniment

Iżda mbagħad, jekk wieħed imur lura għall-Artikolu 2123(b), dan jistipola illi:- "*Il-preskrizzjoni ma timxix - (b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;...*"

Stabbilit li l-manteniment stipolat fil-kuntratt ta' separazzjoni huwa dovut lill-ulied għall-manteniment tagħhom, dan ifisser illi l-wild għandu dritt azzjonabbli kontra l-ġenitur għall-fornitura u ħlas ta' manteniment u jista' jeżerċita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas[4]. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, għalkemm hija l-attriċi, omm l-ulied, li qed teżerċita l-azzjoni għall-ħlas tal-manteniment, hu evidenti li dan qiegħda tagħmlu għaliex skont l-Artikolu 781 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-minuri m'humiex kapaċi li joqgħodu waħedhom f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti. Huwa minnu illi fil-kaz odjern huwa espressament moghti lill-attrici d-dritt li tipperċepixxi hija stess direttament il-hlas tal-istess manteniment dovut għal ulied il-partijiet[5], iżda l-ftehim bejn il-partijiet li r-riċevitur tal-manteniment dovut lill-ulied għandha tkun l-attriċi, fil-fehma tal-Qorti ma jibdel u jnaqqas xejn mill-fatt illi l-manteniment mitlub mill-attriċi huwa dovut lill-ulied tal-partijiet bħala dritt li **huwa azzjonabbli direttament mill-ulied fil-konfront tal-ġenitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni**.

Madanakollu, kif gia` stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur (u lanqas bejn il-miżżewġin). Għalhekk, irrispettivament minn liema ottika wieħed iħares lejn l-obbligu tal-konvenut għall-ħlas tal-manteniment u lejn d-dritt korrispondenti tar-riċevitur tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bħala l-ġenitur ta'

[4] Ara in propositu: **Martina u Keith aħwa Farrugia et vs Carmel sive Charles Farrugia** – Appell Ċivili deċiż 26.5.2017.
[5]Ara klawsola 8 u 10 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

wliedu minuri obbligat għall-manteniment tagħhom, kif ukoll bħala l-persuna li l-attriċi għandha d-dritt tirċievi mingħandha l-ħlas għan-nom ta' wliedha, hija sospiza u ma timxix.

Fis-sentenza fl-ismijiet **AB pro et noe vs CD**[6] ingħad hekk:-

*"Huwa veru li ubi lex voluit dixit, u l-Qorti thoss, li ladarba l-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li huwa taht is-setgha tal-genituri, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-Artikolu 2123(b) f'sens restrittiv, u li ghalhekk l-Artikolu 2156(b) m'ghandux japplika bejn il-genitur u l-minuri. ...*

...

*L-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jezisti ghal raguni specifika, u dan biex il-qrati jharsu d-drittijiet kollha ta' l-ulied u tal-familja in generali, u ghalhekk, ladarba dan l-artikolu huwa daqshekk car ma jistax ma jittihiedx in konsiderazzjoni minn din il-Qorti."*

B'applikazzjoni tal-Artikolu 2126 tal-Kap 16[7], il-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tal-manteniment dovut mill-konvenut għal kull wieħed minn ulied il-partijiet, hija sospiża **sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` maġġorenni**. Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jagħlqu l-eta` maġġorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut. **Issa f'dan il-każ, jirriżulta li meta ġiet intavolata din il-kawża f'Mejju 2018 iż-żewġ ulied tal-partijiet kienu għadhom minorenni: dan jirrizulta mix-xhieda tal-attriċi li fis-6 ta' Marzu 2019, xehdet illi uliedha huma tewmin u għandhom ħmistax-il sena**[8]. Konsegwentement, l-azzjoni attrici in kwantu tikkonċerna t-talba għall-ħlas ghal arretrati ta' żidiet kontrattwalment pattwiti fil-manteniment dovut għall-ulied minuri tal-partijiet, ma tistax titqies li hija preskritta: kemm hu hekk, il-preskrizzjoni kienet

[6] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-14 ta' April 2016 – Rikors 107/15.
[7] "Il-preskrizzjoni mibdija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospensjoni taghha".
[8] Minn Dok. RB5 (fol. 122) jirriżulta wkoll indikat li Isabelle twieldet fit-30 ta' Ġunju 2003. Iż-żewġt ulied huma tewmin.

ghadha lanqas bdiet miexja dak iż-żmien. Konsegwentement l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment, qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

In kwantu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li hija indirizzata lil dik il-parti tat-talba attriċi li tikkonċerna l-**ħlas ta' nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa taż-żewġ ulied minuri tal-partijiet**, il-konvenut jibbaża din l-eċċezzjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Dan jipprovdi:-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*.... (f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġoħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew majkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

L-attriċi qiegħda titlob mingħand il-konvenut ir-rifużjoni ta' nofs l-ammont li hija nefqet matul is-snin 2010 sa 2018 in kwantu dawk l-ispejjeż marbutin mal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri abbażi tal-obbligu stipolat fil-klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni[9]. Dan ifisser illi d-dritt għar-rifużjoni tas-sehem dovut mill-konvenut għall-ispejjez imħallsin għall-edukazzjoni u saħħa tal-minuri, jappartjeni lill-attriċi bħala l-persuna li ħallset l-ammont sħiħ tal-ispejjeż in kwistjoni u l-eżerċizzju tad-dritt għar-rifużjoni jispetta għalhekk ukoll lill-istess attriċi.

Iżda hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2123(a) tal-Kodiċi Ċivili kwantu jipprovdu katergorikament illi **l-preskrizzjoni ma tgħaddix bejn il-miżżewġin**. Dan l-artikolu fih lista eżawrjenti tal-

[9] Klawsola 9. Imbagħad, fil-klawsola 10 huwa stipolat:- *Il-partijiet jaqblu li l-manteniment dovut mir-ragel ghall-ulied kif hawn fuq imsemmi ghandu jithallas direttament lil mara permezz ta' trasferiment dirett mill-Bank tar-ragel ghal go kont indikat bil-miktub mill-rnara.*

każijiet fejn il-preskrizzjoni ma timxix u kwantu għall-miżżewġin, sakemm hemm żwieġ, il-preskrizzjoni ma tistax tiġi invokata minn parti kontra l-oħra, għax hi sospiża irrispettivament jekk bejn il-miżżewġin hemmx is-separazzjoni tal-beni, il-komunjoni tal-akkwisti jew separazzjoni personali. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **John Baptist Sammut v. Marina Ciarlo'**[10], ġie ċitat il-Giorgi li jgħid li s-sospensjoni tal-preskrizzjoni tapplika "*anche nel caso di separazione personale tra marito e moglie*".

Issa huwa minnu illi f'dan il-każ, jirriżulta mix-xhieda tal-partijiet illi in segwitu għall-kuntratt ta' separazzjoni tat-23 ta' Settembru 2009, iż-żwieġ bejn il-partijiet ġie annullat. Dan ifisser illi l-partijiet ma jistgħux jitqiesu iktar bħala miżżewġin u konsegwentement, il-preskrizzjoni ma tibqax sospiża bejneithom u tibda miexja mid-data tal-annullament taż-żwieġ. **Madanakollu, minkejja dan, il-konvenut li ssolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas ta' sehmu mill-ispejjez sborsati mill-attriċi għall-edukazzjoni u saħħa ta' uliedhom minuri, baqa' ma ressaq l-ebda prova dwar id-data tal-annullament taż-żwieġ bejn il-partijiet għall-fini li juri li fil-każ in diżamina, id-data li minnha l-preskrizzjoni bejn il-partijiet bdiet miexja**.

Skont kif jinsab ritenut paċifikatament in materja tal-preskrizzjoni illi meta l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, il-Qorti, jekk tkun iddeterminat li l-preskrizzjoni eċċepita hija opponibbli għat-talba u għall-azzjoni kif imfassla, għandha tipproċedi biex tiddetermina d-data li minnha għandu jitqies li dak it-terminu preskrittiv beda jiddekorri[11] kif ukoll jekk dak it-terminu, jekk ikun iddekorra, ġiex interrott għal motiv prospettat mil-liġi u dedott mill-parti kontra min ġiet sollevata l-eċċezzjoni. In-natura odjuża tal-eċċezzjoni tesiġi wkoll li tingħata interpretazzjoni u tifsira restrittiva tal-eċċezzjoni, b'mod illi kull dubju dwar l-applikabbilita` taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, għandu jmur kontra l-eċċipjenti tal-preskrizzjoni.

---

[10] Deċiża 30 ta' Mejju 2014.

[11] Jekk il-preskrizzjoni m'hijiex altrimenti sospiża ai termini tal-Artikoli 2123 *et seq*. tal-Kodiċi Ċivili

Ġie wkoll kostantament ritenut illi jekk mill-provi ma jirrizultax minn meta bdiet għaddejja l-preskrizzjoni, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tigi respinta[12]. Għaldaqstant, billi ma jirriżultax f'dan il-kaz id-data minn meta l-preskrizzjoni li qabel kienet sospiża effettivament bdiet miexja, il-Qorti ma tistax tagħti effett lill-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut. Fi kwalsiasi każ, wara li fliet l-atti, partikolarment l-iskambju tal-messaġġi bejn il-partijiet esebit mill-attriċi, il-Qorti fehmet illi sa Awwissu 2016 jidher illi ż-żwieġ ċivili tagħhom kien għadu mhux annullat[13].

## Talba għall-Ħlas tal-Awment fil-Manteniment

Fil-kuntratt ta' separazzjoni, klawsola 8, il-partijiet ftiehmu hekk fir-rigward tal-awment fil-manteniment għall-minuri ta' €400 fix-xahar, dovut mill-konvenut:- *Dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena bl-istess percentwali li bih ikun zdied l-indici tal-gholi tal-hajja basta il-paga tar-ragel ukoll tkun zdiedet ghall-anqas bl-istess percentwali.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut għalkemm kien awmenta l-manteniment mensili minn jeddu fl-2010 u beda jħallas is-somma ta' €408.54 fix-xahar minflok is-somma ta' €400, naqas milli jagħti t-tagħrif meħtieġ lill-attriċi meta kienet titolbu jgħarrafha jekk is-salarju tiegħu kienx żdied u dan sabiex ikun jista' jsir il-komputazzjoni tal-awment korrispondenti fil-manteniment. Per eżempju, jirriżulta illi f'Marzu 2015[14] il-konvenut ċaħad illi kien ipperċepixxa xi żieda fis-salarju tiegħu u matul is-snin baqa' jħallas is-somma ta' €408.54 fix-xahar. Madanakollu, din id-dikjarazzjoni ġiet kontradetta u mxejna mill-provi dokumentarji uffiċjali li ġew esebiti fl-atti dwar l-introjtu tal-konvenut għaliex jirriżulta illi effettivament il-paga tiegħu kienet żdiedet perijodikalment.

---

[12] **Carmlu Limited (C18879) v. Joseph Cachia** – deċiża mill-Qorti tal-Appell 29.3.2019.
[13] Ara Dok. 3b, fol. 62 fost oħrajn.
[14] Ara Doc. 6a, fol. 76.

F'kull każ, jirriżulta mill-atti tal-kawża illi l-konvenut jaqbel li huwa għandu jħallas awment fil-manteniment komputatabbli abbażi tal-klawsola bin-numru 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni, iżda dan kwantu għal somma ferm inferjuri minn dik pretiża mill-attriċi. Il-konvenut ipproduċa fl-atti xejn inqas minn tliet prospetti[15], iżda jinsisti illi dak li jindika l-awment maħdum korrettement u li għandu jiġi applikat huwa dak li jirriżulta mill-prospett Dok. RB15.

Il-komputazzjonijiet magħmula mill-konvenut ilkoll jikkuntrastaw mal-komputazzjoni indikata fil-prospett prodott mill-attriċi (Dok. RM1). Hu evidenti li filwaqt li l-partijiet jaqblu dwar l-indiċi annwali tal-inflazzjoni u l-perċentwali tar-rata tal-inflazzjoni applikabbli minn sena għal oħra, ma jaqblux fil-kalkolu finali tas-somma rappreżentanti ż-żieda fl-awment tal-manteniment kull sena. Dan hu dovut għall-fatt illi l-partijiet applikaw fatturi differenti fil-komputazzjoni tal-awment relattiv: per eżempju, il-konvenut applika l-perċentwali tar-rata tal-inflazzjoni għall-manteniment oriġinali fis-somma ta' €400 fix-xahar għaż-żewġ ulied biex jikkalkula l-ewwel żieda fil-manteniment għas-sena 2010, filwaqt li l-attriċi, biex tikkalkula l-awment fir-rata tal-manteniment kull sena, użat bħala bażi mhux is-somma tal-manteniment oriġinali kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni, iżda s-somma ta' €408.54 rappreżentanti l-manteniment mensili kif kien diġa' ġie awmentat mill-konvenut minn jeddu fis-sena 2010.

Jirrizulta illi l-partijiet ftiehmu espressament fil-kuntratt ta' separazzjoni illi ż-żidiet fil-manteniment mensili jridu jinħadmu abbażi taż-żidiet korrispondenti fil-paga tar-raġel mingħajr iżda, ma ġie mfisser jekk il-paga tar-raġel għall-fini tal-komputazzjoni taż-żieda fil-manteniment, għandhiex tittieħed bħala l-paga gross jew dik il-paga perċepibbli minnu wara li titnaqqas it-taxxa fuq id-dħul u ħlasijiet ta' sigurta' soċjali. Madanakollu hija l-fehma tal-Qorti illi peress li ġie pattwit li l-awment fil-manteniment irid jinħadem skont il-kriterju ta' żieda effettiva fil-paga tar-raġel minn sena għal oħra - talanqas daqs kemm ikun żdied l-indiċi tal-għoli tal-ħajja – dan ifisser li l-paga li trid tittieħed in konsiderazzjoni biex jiġi determinat jekk għandux ikun

[15] Dok. A (fol. 21), Dok. RB15 (fol. 131) u Dok. RB16 (fol. 132).

hemm żieda fil-manteniment, hija dik taxxabbli ossia gross u dan biex l-awment o meno fil-paga ma jkunx jiddependi mit-tibdiliet leġislattivi fir-rati tat-taxxa fuq id-dħul b'mod ġenerali iżda mill-kriterju taż-żieda fil-paga mill-impjieg *ut sic*. B'hekk, ikun hemm iċ-ċertezza li ż-żieda fil-paga tkun dovuta għal fatturi marbutin mal-impjieg tal-konvenut u jew mal-ħidma tiegħu, mhux għal fatturi estranei.

Dan premess u stabbilit, il-Qorti tqis ukoll li l-*fringe benefits* li jidher li jipperċepixxi l-konvenut flimkien mas-salarju bażiku tiegħu, għandhom ikunu inkluzi fil-komputazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-paga tiegħu. Dan għaliex kif inhuwa risaput, kif ukoll kif jirriżulta mil-formoli FS3 esebiti mill-konvenut, *fringe benefits* jitqiesu b'mod ġenerali li huma introjtu taxxabbli ħlief fejn dawn ikunu eżenti b'mod speċifiku bħalma hu per eżempju, il-*car cash allowance* perċepita mill-konvenut. Effettivament, dan l-*allowance* mhux sejjer jitqies fil-komputazzjoni ta' dak li jirrappreżenta l-paga tal-konvenut. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma illi l-komputazzjoni korretta hija dik magħmula mill-konvenut fil-prospett Dok. A[16], fejn il-persentaġġ fir-rata tal-inflazzjoni kull sena tinħadem fuq iċ-ċifra bażi ta' €400 u mhux €408.54 u jiġi applikat fuq il-paga bażika taxxabbli.

Ma taqbilx mal-komputazzjoni li għamlet l-attriċi fil-prospett minnha esebit[17] għaliex kif diġa' ingħad, hija użat bħala bażi għall-awment is-somma ta' €408.54 meta evidentement, iż-żieda fil-manteniment bejn is-somma oriġinarjament pattiwt ta' €400 u s-somma awmentata ta' €408.54 ma nħadmitx bl-applikazzjoni tal-formula stabbilita u pattwita mill-partijiet fl-istess kuntratt ta' separazzjoni u lanqas jidher li din iż-żieda ġiet komputata bl-applikazzjoni ta' ċifri oġġettivament stabbiliti in kwantu għaż-żieda fis-salarju u l-persentaġġ tar-rata tal-inflazzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-attriċi stess ma qablitx ma' din iż-zieda unilaterali fil-manteniment kif maħduma mill-konvenut u mħallas minnu matul is-snin, tant illi intavolat dawn il-proċeduri biex tabilħaqq jiġi likwidat "*l-awment annwali dovut fir-rigward tal-manteniment*"[18]. Fuq kollox, il-partijiet baqgħu ma wettqu l-ebda varjazzjoni formali tal-kuntratt in kwantu

---

[16] Fol. 21 – salv għall-komputazzjoni tal-manteniment għas-snin 2016 u 2017, kif ser jirriżulta.
[17] Dok. RM1.
[18] Rikors promotur.

għas-somma dovuta mill-konvenut in linea ta' manteniment kull xahar u li abbażi tagħha kelllha tinħadem l-awment annwali bl-applikazzjoni tal-formula pattwita fil-klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Għalhekk, l-awment inizzjali kellu jinħadem fuq iċ-ċifra oriġinarjament pattwita, ċioe' €400 fix-xahar, bir-riżultat illi filwaqt li ġie mħallas mill-konvenut in linea ta' manteniment matul is-snin 2010 u 2017 is-somma totali ta' €39,219.84[19], fil-verita', applikat l-awment annwali komputat skont il-formula pattwita fil-kuntratt, kien dovut minnu pagament totali fis-somma ta' €39,703.92 għall-istess perijodu[20]. Iżda l-attriċi intavolat din il-kawża fl-10 ta' Mejju 2018 u għalhekk, kwantu għall-ewwel erba' xhur tas-sena 2018[21], għandha tiżdied id-differenza dovuta mill-konvenut għall-ewwel erba' xhur ta' dik is-sena bejn is-somma effettivament imħallsa minnu u s-somma mensili kif awmentata (fis-somma ta' €419.35). Għal erba' xhur, id-differenza hija s-somma ta' €43.24[22]. **Dan kollu huwa indikat fit-tabella li tifforma parti integrali minn din is-sentenza u tnisab annessa bħala Annex 1.**

**Għaldaqstant, il-konvenut għandu jħallas in linea ta' arretrati ta' manteniment dovuti minħabba ż-żieda maħduma skont kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni, somma totali ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€527.32)[23].**

## Spejjeż tal-Edukazzjoni u Saħħa tal-Minuri

Illi l-attriċi qiegħda titlob ir-rifużjoni tas-somma ta' €9,190.16[24] rappreżentanti nofs is-somma komplessiva li hija ħallset in kwantu għal spejjeż marbutin mal-

---

[19] €408.54x12x8(snin)
[20] Ara tabella.
[21] Mill-formola FS3 għas-sena 2018 (Dok. RB fol. 56) jirriżulta illi s-salarju tal-konvenut fis-sena 2018 (€29,331.76) kien inqas mis-salarju minnu perċepit is-sena ta' qabel (€30,520), u għalhekk il-manteniment dovut ser jibqa' dak dovut fis-sena ta' qabel, ċioe' €421.26 fix-xahar. Skont il-kuntratt, il-manteniment jitħallas fl-aħħar ta' kull xahar. Id-differenza bejn €421.26 x 4 (€1634.16) u €408.54x4 (€1685.04) hija ta' €50.88.
[22] €10.81 fix-xahar.
[23] €41,381.32 - €40,854.00.
[24] Ara Dok. LCC1, fol. 42 *et seq*.

edukazzjoni, saħħa u attivitajiet estra-kurrikulari tal-ulied minuri tal-partijiet, u dan in segwitu għall-konklużjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet sa Mejju 2018[25].

Fil-klawsola 9 tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet ftiehmu li "*ir-ragel jobbliga ruhu ukoll li jhallas nofs (1/2) il-kontijiet konnessi mal-edukazzjoni u s-sahha tal-ulied, u kif ukoll nofs (1/2) il-kontijiet konnessi mal-attivitajiet extra kurrikulari tal-ulied li fuqhom ikun hemm qbil minn qabel tal-partijiet. Il-mara ghandha ghal dan il-ghan taghti kopja tar-ricevuti lir-ragel bil-kontenut kollu jidher u li jkun obbligat ihallas sehemu f'zmien erbghat (4) ijiem*."

Jirriżulta għalhekk illi l-partijiet għamlu distinzjoni ċara u pjuttost inekwivoka bejn dawk li huma spejjeż tal-edukazzjoni u tas-saħħa tal-minuri fuq in-naħa l-waħda, fejn sehem il-konvenut għandu jitħallas fi zmien erbat ijiem minn meta jirċievi kopja tar-riċevuta relattiva, u fuq in-naħa l-oħra dawk li huma spejjeż ta' attivitajiet estra-kurrikulari, liema spejjeż iridu jsiru biss wara li jkun hemm qbil *a priori* bejn il-partijiet biex jiskatta l-obbligu tal-konvenut għal ħlas ta' sehmu.

Imiss għalhekk illi jiġi mistħarreġ jekk l-attriċi rnexxiliex iġġib provi suffiċjenti ta' dawn l-ispejjeż sal-grad rikjest mill-liġi u, fil-każ li jirriżulta li l-attriċi rnexxielha tippruvahom, ikun imiss illi jiġi mistħarreġ jekk effettivament kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar l-ispejjez tal-attivitajiet estra-kurrikulari qabel dawn intefqu.

Illi bhala punt ta' dritt, il-piż tal-prova fil-mertu huwa mixħut fuq l-attur in kwantu l-konvenut huwa ġeneralment assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jagħmel il-prova negattiva. Il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi jkun irnexxilu jipprova l-leġittimita' tal-pretensjoni tiegħu jew inkella għandhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' ġudizzju li l-fatti allegati ma ġewx sodisfaċjentement ippruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

[25] Ara fol. 53.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell[26] fl-ismijiet **Martina u Keith aħwa Farrugia et vs Carmel sive Charles Farrugia**, ingħad:-

"*23. Fit-tieni lok, huwa ritenut fil-gurisprudenza nostrana li "l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza mill-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibbilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita` civili". [Prim'Awla Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo, deciz 28 ta' April, 2004].*

*"24. Ghalhekk minkejja provi kontrastanti li jista' jkollha quddiemha l-Qorti, ghandu jsir ezami tal-istess provi bil-ghan li jigi determinat jekk abbazi tal-verosimiljanza u fuq bilanc ta' probabbilitajiet, ghandhiex tigi accettata bhala veritiera verzjoni ta' parti jew ohra, jew jekk il-konflitt fil-provi humiex tali li ma jistax iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attriċi."*

F'dan il-każ, il-piż tal-prova jinkombi fuq l-attriċi sabiex abbażi ta' provi ċerti u konkreti hija tikkonvinċi lill-Qorti dwar somma li tassew tkun tirrappreżenta n-nefqa li hija għamlet għall-bżonnijiet mediċi jew ta' saħħa u edukattivi tal-minuri. Fin-nuqqas ta' tali provi, *imputet sibi*.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li fliet l-atti u l-provi, jeżistu provi sosidfaċjenti sabiex, fuq bazi ta' probabbilita` u verosimiljanza, tasal għall-konklużjoni li l-attriċi effettivament nefqet l-ispejjez elenkati fil-prospett Dok. LCC1 u li għaddiet kopja tagħhom lill-konvenut kif rikjest mill-kuntratt ta' separazzjoni. Din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Illi mill-kumpless tal-atti u tal-provi, fosthom il-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, il-Qorti fehmet illi d-diffikolta' ewlenija tal-konvenut fil-ħlas ta' sehmu mill-

[26] 26.5.2017.

ispejjez reklamati mill-attriċi, kienet waħda finanzjarja u jirriżulta li l-konvenut ripetutament iddikjara li kwantu għal dawn l-ispejjez, huwa ser iħallas biss dak li l-impenji finanzjarji tiegħu jippermettulu jħallas[27]. B'żieda ma' dan iżda, il-konvenut jisħaq illi l-attriċi naqset ripetutament milli tgħaddilu riċevuti jew, meta kienet tipprovdilu riċevuti, dawn ma kienux ta' kwalita' aċċettabbli u ma kienux juru l-kontenut kollu skont kif maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni. Joġġezzjona wkoll għall-ħlas tal-ispejjeż ta' dawk il-lezzjonijiet u attivitajiet tat-tfal li ma kienx mgħarraf bihom preventivament jew li kienu jikkoinċidu mal-ħinijiet tal-aċċess tiegħu għal ulied skont kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u fir-rigward, jilmenta illi l-attriċi kienet tiddeċiedi kollox waħedha fejn jidħlu wliedhom u ma kienetx tinvolvih.

Il-ftehim bejn il-partijiet huwa ċar u ftit iħalli lok għal ekwivoċi dwar dawk l-ispejjeż li jeħtieġu l-qbil minn qabel bejn il-parijiet u dwak l-ispejjeż ma jeħtieġu l-ebda qbil preventiv. **Hu ovvju għall-Qorti illi dawk l-ispejjeż li ma jirrikjedu l-ebda ħtieġa ta' kunsens reċiproku u preventiv, huma dawk konnessi mas-saħħa tal-minuri jew inkella mal-edukazzjoni tagħhom** u għalhekk s'intendi, spejjeż li jintefqu għaliex ikunu neċessarji jew hekk imposti mill-istituzzjoni edukattiva tal-minuri jew altrimenti b'mod ġenerali għall-fini li tinkiseb iċ-ċertifikazzjoni akkademika u edukattiva meħtieġa.

Ma jirriżultax illi fir-rigward ta' spejjez tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri, il-partijiet għamlu distinzjoni bejn l-ispejjeż ta' natura ordinarja jew dawk straordinarji għaliex qablu illi l-obbligu għall-ħlas tal-ispejjez **kollha** tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri jinkombi fuqhom it-tnejn b'mod indaqs, basta li l-parti li tħallas l-ispejjeż (f'dan il-każ l-attriċi) tipprovdi riċevuta bi prova tal-ħlas biex tkun intitolata għar-rifużjoni ta' nofs l-ispiża mingħand il-parti l-oħra li mbagħad, min-naħa tagħha tkun marbuta tħallas sehemha fi żmien erbat ijiem. **Dan ifisser illi adempit l-obbligu tal-forniment ta' prova tal-ħlas tal-ispiża f'forma ta' kopja ta' riċevuta, l-oneru jiġi trasferit lill-konvenut biex jirrifondi lill-attriċi l-ħlas ta' sehmu minn dik l-ispiża fit-terminu stabbilit, irrispettivament jekk dawn l-ispejjeż ikunu meħtieġa ordinarjament**

[27] Ara Doc. 5a u Doc. 5b.

**fuq bażi regolari (bħalma huma *stationery,* fotokopji, uniformijiet, kotba u attivitajiet organizzati mill-iskola), jew sporadikament jew għal raġuni speċifika (bħalma huma spejjeż ta' skola tas-sajf, lezzjonijiet privati u korsijiet speċjliazzati) u irrispettivament ukoll jekk dawn l-ispejjeż ikunu meħtieġa għall-iskola nnifisha jew għal studju li jsir wara l-ħin tal-iskola. Huwa biżżejjed li dawn ikunu spejjeż meħtieġa għall-edukazzjoni formali u akkademika tal-ulied u mhux per eżempju, spejjeż ta' attivitajiet sportivi jew kulturali[28] li l-ulied jagħżlu li jipparteċipaw fihom u li ma għandhomx x'jaqsmu mal-edukazzjoni tagħhom u ma jkunux meħtieġa għal xi fini tal-kurrikulum edukattiv jew otteniment ta' ċertifikazzjoni akkademika.**

Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun opportun illi ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Sammut vs Anne Marie Sammut** moghtija mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja fit-28 ta' Novembru, 2019[29]:-

*"... l-gurisprudenza rnexxielha tiddetermina linja ta' gwidi omogenji ta' x'jammonta ghall-ispejjes ordinarji u straordinarji li huma ddentifikati bhala s-segwenti u din il-Qorti se taddotahom u taghmilhom taghha:-*

*a)* ***"spese relative alla salute"*** *u cioe' spejjes relatati mas-sahha tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji dawn jikkonsistu fil-vizti li jsiru abitwalment ghand tabib jew pedjatra, inkluz l-injezzjonijiet (vaccinations) mehtiega skond il-ligi, kif ukoll ix-xiri ta' medicini ta' uzu komun. L-ispejjes straordinarji jikkonsistu fil-kura li ssir ghand dentista, ghand psikjatra jew counsellor, ghand l-okkulista, ghand il-fisjoterapista jew ix-xiri ta' nuccali jew contact lenses jew "brace" ghas-snien fost ohrajn.*

*b)* ***"Spese relative all'istruzione"*** *– u cioe' spejjes relatati mal-edukazzjoni tal-minuri. Bhala spejjes ordinarji jinkwadraw il- kotba tal-iskola, stationery u photocopies, spejjes relatati mal- attivitajiet skolastici, inkluz l-Muzew u spejjes relatati mal-uniformijiet. Bhala spejjes straordinarji jidhlu l-private lessons, studju barra minn Malta inkluz l-Universita', repeaters, attendenza f'istituzzjonijiet privati jew*

[28] Iżda mhux attivitajiet marbutin mal-formazzjoni reliġużja tat-tfal għaliex dawn għandhom jitqiesu li huma meħtieġa bħala parti mill-edukazzjoni tal-ulied.

[29] Konfermata mill-Qorti tal-Appell (Appell Ċiv. 235/13) b'sentenza mogħtija fis-26.11.2020.

*attendenza ta' korsijiet specjalizzati kif ukoll attendenza relatata ma' summer school u spejjes relatati mal-istess.*

*c)* ***"Spese extrascolastiche"*** *- u cioe' spejjes extra-kurrikulari relatati mal-attivitajiet sportivi li jattendu l-minuri, jew attivitajiet kulturali bhal ballet u gymnastics jirrapprezentaw spejjes ordinarji.*

*L-ispejjez straordinarji jinkludu fost ohrajn l-akkwist ta' kompjuter, isservizi ta' babysitter, hrug ta' passaporti, spejjes relatati mal-Precett u Grizma."*

Ikkunsidrat;

L-attriċi tibda bil-premessa illi f'Ġunju 2013 il-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenut kellu jħallas arretrati in linea ta' spejjez edukattivi, estra-kurrikulali u ta' saħħa tal-minuri, fis-somma globali ta' €1,488.92 liema somma iżda, il-konvenut baqa' ma ħallsux[30]. Da parti tiegħu il-konvenut sija fir-Risposta għar-Rikors promotur u kif ukoll fl-Affidavit tiegħu[31], jiċħad kategorikament li huwa qatt aċċetta li jħallas din is-somma.

Il-Qorti m'hijiex konvinta illi l-konvenut kien effettivament aċċetta li jħallas din is-somma partikolari jew ammetta li l-ammont huwa dovut minnu, sempliċement għaliex f'*email* mibgħut minnu fil-21 ta' Ġunju 2013[32] huwa qal: "*After I go through all the transactions and I make sure that what you have listed is part of the contract agreement, I will decide on a way forward. For sure for present I cannot afford more than fifteen Euros a month.*"[33]

Madanakollu, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-konvenut, minkejja r-riżerva li huwa għamel fir-rigward tal-ħlas ta' dan l-ammont skont il-verifiki li kellu jagħmel abbażi ta' riċevuti li evidentement, kienu jinsabu fil-pussess tiegħu, ma jirriżultax li indika lill-attriċi liema fost id-diversi transazzjonijiet ossia nfieq, ma kienux aċċettabbli

[30] Il-prospett kontenenti elenku ta' dawn l-ispejjez li saru qabel Ġunju 2013, ġie effettivament esebit mill-konvenut innifsu mal-Affidavit tiegħu, Dok. RB9.
[31] Fol. 95.
[32] Doc. 4a, fol. 68.
[33] Ara xhieda tal-attriċi, fol. 38.

għalih. Imbagħad, quddiem il-Qorti, il-konvenut baqa' ma kkontestax speċifikatament l-infiq għal dan il-perijodu partikolari u dan minkejja illi l-attriċi kkonfermat bil-ġurament tagħha[34] illi hija ħallset is-somma ta' €1,488.92 sa Ġunju 2013 in linea ta' nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tat-tfal, kif ukoll spejjez estra-kurrikulari. Fil-fatt, fir-rigward ta' Dok. LCC1, il-konvenut xehed biss b'mod ġenerali:- "*... I must state that* ***most*** *of these items were not indicated to me with an official receipt and* ***some*** *of them I never agreed to them* "[35]. Kemm hu hekk, jiġi osservat li għalkemm effettivament il-konvenut esebixxa prospett (Dok. RB6) fejn indika l-kontestazzjoni tiegħu[36] kwantu għal kull spiża li għaliha ma kienx ingħata riċevuta jew ma kienx approvaha preventivament matul is-snin 2013 sa 2018, huwa baqa' ma indika bl-ebda mod il-kontestazzjoni tiegħu kwantu għall-ispejjez reklamati mill-attriċi għall-perijodu li spiċċat f'Ġunju 2013 fis-somma ta' €1,488.92. Dan minkejja illi esebixxa huwa stess prospett Dok. RB9[37] fejn jinsabu elenkati u identifikati l-ispejjez kollha li jammontaw għall-imsemmija somma komplessiva ta' €1,488.92, kif reklamat mill-attriċi[38].

Kwantu, imbagħad, għat-talba tal-attriċi għar-rifużjoni ta' nofs l-ispejjeż li hija ħallset minn Lulju 2013 'il quddiem, skont kif elenkati fil-prospett Dok. LCC1, l-istess attriċi xehdet li dawn jirrappreżentaw spejjeż imħallsin in konnessjoni mal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri kif ukoll spejjeż tal-attivitajiet estra-kurrikulari. Fil-fatt, fl-imsemmi prospett dawn l-ispejjeż effettivament tqassmu f'kolonni differenti skont il-kategorija rispettiva tagħhom. L-attriċi kkonfermat bil-ġurament illi l-ispejjez kollha li jinsabu elenkati fil-prospett esebiti minnha (Dok. LCC1), ħallsithom kollha hi u jinsab imnaqqas mill-ammont totali, dawk il-pagamenti kollha magħmula mill-konvenut kull xahar b'żieda mal-ammont imħallas speċifikatament in linea tal-manteniment dovut skont il-kuntratt. Ikkonfermat ukoll illi t-total fis-somma ta' €9,190.16 jirrappreżenta

[34] Xhieda tal-attriċi tas-6 ta' Marzu 2019, fol. 39 u xhieda tad-29 ta' Mejju 2019.
[35] Emfasi tal-Qorti.
[36] Indikat bil-kulur isfar.
[37] Fol. 101 *et seq*. – anness mal-Affidavit tal-konvenut.
[38] Il-Qorti tosserva illi jinsab indikat f'din il-parti tal-prospett, illi bosta mir-riċevuti relattivi għal dawn l-ispejjeż, kienu ngħataw lill-konvenut "*scanned*". ("rec. scanned")

l-bilanċ dovut kwantu għal nofs l-ispejjez totali li hija ħallset għall-edukazzjoni saħħa u attivitajiet estra-kurrikurali tal-minuri.

L-attriċi xehdet:- "*... bħala extra curricular activities ... anke education expenses ... kopja tal-irċevuti kienu jingħataw jew physically, fil-fatt anke fl-SMSs hemm referenza għalihom, kienu jingħataw ukoll on-line ġieli skenjati through email u ġieli through whatsapp jew messenger ... u ġieli anke ... tajtu physical copies jiena. Jiġifieri kien hemm diversi mezzi li staqsa għalihom. Ġieli anke staqsa biex nieħu ritratti tal-oġġetti bil-prezz indikat fuqhom.*"[39] Mistoqsija mill-Qorti l-attriċi kkonfermat illi hija dejjem għaddiet ir-riċevuti lill-konvenut u dejjem waslu għandu: "*Ġieli waslu lura iżda dejjem waslu għandu.*"

Il-Qorti tosserva illi effettivament, mill-provi, senjatament mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, jirriżulta sodisfaċjentement ippruvat li l-attriċi kienet tibgħat lill-konvenut kopji tar-riċevuti *scanned* permezz ta' *email* u ġieli kienet tibgħatlu wkoll ritratti tar-riċevuta. Madanakollu, il-konvenut jinsisti li huwa għandu jingħata fiżikament kopja tar-riċevuti u ma riedx jaċċetta kopji *scanned* tramite *email* u lanqas ritratti.

**Issa minn eżami tal-klawsola relattiva fil-kuntratt, jirriżulta li l-partijiet ma speċifikawx b'liema mod dawn ir-riċevuti tal-ispejjeż imħallsin mill-attriċi kellhom jiġu trasmessi lill-konvenut: iżda jidher li huwa biżżejjed jekk il-konvenut jingħata kopja tar-riċevuta b'liema mezz ikun purche' l-kontenut tar-riċevuta jkun kollu jidher. Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li l-attriċi bagħtet dawn ir-riċevuti *scanned* permezz ta' *email* jew permezz ta' ritratt, jissodisfa pjenament l-obbligu tagħha skont il-kuntratt. Dan ifisser ukoll illi l-insistenza tal-konvenut li jingħata kopji fiżiċi sempliċement għaliex ried jgħaddihom lill-avukat tiegħu biex dan tal-aħħar jista' jiflihom, ma tiswix biex tiġġustifika r-rifjut tiegħu li jħallas sehemu tal-ispejjeż relattiv entro t-terminu ta' erbat ijiem stipolat fil-konvenzjoni.** Għalkemm huwa minnu illi jirriżulta illi l-

[39] Xhieda tad-29 ta' Mejju 2019.

konvenut spiss ilmenta illi wħud mir-riċevuti ma kienux ċari, jidher li l-attriċi wriet ruħha disposta li terġa' tibgħathom b'mezz differenti[40]. Inoltre, il-konvenut baqa' qatt ma indika liema huma dawk l-ispejjeż fejn ir-riċevuta li ntbagħtitlu, ma kienetx ċara.

L-attriċi xehdet hekk:-

"*... fejn jidħlu affarijiet ġenerali jiena nagħmel spreadsheets. Nibgħathielu u nagħti kopja tal-irċevuti fejn, fejn ikun hemm. Unfortunately, anke fejn jidħlu kopji tal-irċevuti jekk nagħti print outs jgħidli li qatt ma rċevihom. Jekk nibagħthom email għax mhux ċari.*"

Xhieda li qatt ma ġiet serjament kontradetta jew kuntrastata f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti fehmet illi l-attriċi hija persuna organizzata ħafna li kienet iżżomm kont aġġornat u kontinwu dwar l-ispejjeż li kienet tħallas għall-minuri għall-edukazzjoni u saħħa kif ukoll spejjeż estra-kurrikulari. Hija produċiet prospett dettaljat u konfermat bil-ġurament tagħha b'indikazzjoni ta' kull ammont li nefqet in linea ta' dawn l-ispejjeż. Jirriżulta wkoll manifest mill-iskambji ta' messaġġi u *emails* bejn il-partijiet li l-attriċi kienet dejjem tibgħat ir-riċevuti relattivi lill-konvenut permezz ta' *email* jew *screenshot*, iżda dawn ma kienux aċċettabbli għall-konvenut[41] għaliex jippretenda li jirċievi riċevuti *itemised* jew jara l-oriġinal tar-riċevuti jew "*official receipts*"[42].

**Il-fatt illi l-attriċi kienet tibgħat ir-riċevuti tal-ispejjez lill-konvenut jirriżulta wkoll affermat mid-diversi skambji ta' korrispondenza bejn il-partijiet, esebiti mill-attriċi. Kemm hu hekk, meta fl-10 ta' Lulju 2017 il-konvenut talabha tibgħatlu "*official documentation*" in sostenn tal-ammont ta' €6,300 li skont l-attriċi, kien dovut mill-konvenut sa dakinhar in linea ta' sehmu mill-ispejjeż tal-minuri, l-istess attriċi kienet weġbitu li dawn id-dokumenti kienu diġa' għandu. Affermazzjoni li l-Qorti tosserva li l-konvenut dak il-ħin ma jirriżultax li ċaħad.**

[40] Ara Doc. 5d, fol. 73.
[41] Ara xhieda tal-21 ta' Jannar 2021, fol. 286.
[42] Ara messaġġ 17/10/2017, Doc. 3d fol. 64.

Il-Qorti tqis illi dan il-fatt huwa ulterjorment affermat mill-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet, li minnu jirrizulta mhux biss illi l-attriċi kienet dejjem tibgħat lill-konvenut – anke iktar minn darba fuq talba tiegħu - ir-riċevuti tal-ispejjeż li tkun nefqet u dan kif ġie dikjarat ripetutament fil-messaġġi tagħha lill-konvenut, iżda jirriżulta wkoll b'mod mill-iktar manifest illi l-konvenut kien qed ikun ferm intransiġenti. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-intimidazzjoni kif ukoll it-ton minaċċjanti u dispreġġjattiv adoperat mill-konvenut fil-messaġġi li kien jibgħat lill-attriċi biex jesiġi li r-riċevuti jerġgħu jintbagħtu biex jiġu verifikati mill-avukat tiegħu u li dawn ikun fihom id-dettalji kollha u l-prezz ta' kull transazzjoni individwali[43].

Minn dan il-Qorti fehmet illi l-konvenut kien qed jimponi kundizzjonijiet irraġonevoli li kienu jmorru lil hinn minn dawk li ġew pattwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni kwantu għar-riċevuti li kellhom jakkumpanjaw it-talbiet għall-ħlas ta' sehmu mill-ispejjez tal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri u tal-attivitajiet estra-kurrikulari. Effettivament, fil-waqt illi fil-kuntratt huwa stipolat li l-attriċi kellha tgħaddi lill-konvenut kopja tar-riċevuti bil-kontenut kollu jidher, il-konvenut evidentement dehrlu[44] li biex jiskatta l-obbligu tiegħu li jħallas lill-attriċi nofs l-ispejjez relattivi, hija kellha tipprovdilu l-**oriġinal** tar-riċevuti u kwantu għall-ispejjeż tal-edukazzjoni u saħħa, dawn kellhom ikunu preventivament approvati minnu. Madanakollu, kif diġa ġie stabbilit, l-obbligu ta' qbil preventiv bejn il-partijiet ma japplikax għall-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa u illi din il-kundizzjoni ssib riskontru biss kwantu għall-ispejjeż tal-attivitajiet estra-kurrikulari.

Il-konvenut xehed ukoll illi in kwantu għal ċerti spejjeż indikati fil-prospett ippreżentat minnha, l-attriċi qiegħda tippretendi ħlas għal darbtejn iżda evidentement, huwa naqas milli jindika b'mod preċiż liem'huma l-ispejjeż pretiżi doppjament u ċertament il-Qorti ma hijex mistennija li tagħmel dan l-eżerċizzju hija stess.

---

[43] Ara skambju ta' korrispondenza Dok. 5b u Doc. 5d – fol. 71 *et seq*.
[44] Ara messaġġ tal-20 ta' Diċembru 2017, Doc. 3e, fol. 65.

Inoltre, jiġi osservat li għalkemm fil-prospett minnu esebit (Dok. RB6) il-konvenut jindika li **l-ebda spiża kwalsiasi** minn dawk kollha elenkati ma kienet akkumpanjata b'riċevuta, fl-Affidavit tiegħu il-konvenut kien iddikjara illi "*there were* ***other*** *items were* (*sic*!) *no receipts were presented to me or else no description of the item would have been indicated, no date and sometimes ... double entries*"[45]. **Il-Qorti tosserva illi fl-ebda waqt ma ġie indikat fil-kolonna bil-kummenti tal-konvenut, illi huwa kien ingħata imqar riċevuta waħda u effettivament huwa jikkontesta l-ispejjeż kollha – għajr għall-miżati tal-iskola - reklamati mill-attriċi fil-prospett minnha esebit[46] minħabba nuqqas ta' riċevuta.**

Il-Qorti qajla tista' tagħti affidabbilita' lil dan id-dokument prodott mill-konvenut u fil-kumpless tal-provi kollha, anke jekk huwa minnu li l-attriċi baqgħet ma pproduċietx fl-atti kopji tar-riċevuti in sostenn tal-ispejjez imħallsin minnha minħabba t-terminu lilha mogħti għal dan l-iskop kien skada inutilment, hija konvinta bil-veraċita' tax-xhieda tal-attriċi, konfortata bil-korrispondenza esebita fl-atti, illi hija kienet tagħti lill-konvenut ir-riċevuti kollha li kienet tikseb in konnessjoni man-nefqa li tkun saret.

Fuq kollox, ma jistax ma jiġix osservat illi meta xehed in kontro-eżami, il-konvenut jaqbel illi huwa minnu li l-attriċi kienet tibgħatlu kopji tar-riċevuti u jafferma li l-kontestazzjoni tiegħu hi bbażata unikament fuq il-fatt illi dawn ma kienux ikunu ċari[47]. Meta ġie mistoqsi kif kienet tibgħatlu r-riċevuti, hu xehed:-

"*Photocopy. Fil-bidu jiġifieri qed ngħidu għaxar snin ilu kienet tibgħat photocopy umbagħad f'daqqa waħda iddeċidiet li tibgħat screenshot ... ta' xi uħud minnhom u imma l-kontenut ma kienx jidher, e sfukati, dettalji ma jidhrux, dati ma jaqblux għalfejn xtrathom ...*"[48]

---

[45] Emfasi tal-Qorti.
[46] Dok. LCC1 – riprodotta mill-konvenut biż-żieda tal-kummenti tiegħu f'Dok. RB6.
[47] Ara wkoll nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut fejn jingħad:- *"Mhux l-ewwel darba illi l-informazzjoni fuq l-irċevuta ma tkunx tidher kollu ..."*, paġna 2.
[48] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2021, fol. 285.

Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi għalhekk konvinta li l-attriċi dejjem għaddiet lill-konvenut kopja ta' riċevuti disponibbli in sostenn tan-nefqa li tkun għamlet jew altrimenti l-konvenut kien mgħarraf b'mod sodisfaċjenti dwar in-nefqa relattiva jew ingħata evidenza tal-ħlas relattiv.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis li għandha tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:-

- Għalkemm forsi l-konvenut ma kienx infurmat inizzjalment bil-fatt li uliedu kienu bdew jattendu għal lezzjonijiet privati f'ċerti suġġetti, il-Qorti fehmet li dawn il-lezzjonijiet kienu essenzjali għall-edukazzjoni tagħhom u fi kwalsiasi każ, kif diġa' stabbilit, ma jirriżultax illi l-partijiet kienu ftiehmu fil-kuntratt ta' separazzjoni illi sabiex jiġi radikat il-jedd għar-rifużjoni tal-ispejjez marbutin mal-edukazzjoni tal-ulied tal-partijiet, il-konvenut kellu preventivament jaqbel li jiġu inkorsi dawn l-ispejjeż, ħlief spejjez għal attivitajiet estra-kurrikulari.

- Kwantu għall-ispejjeż tal-eżamijiet tad-drama u ECDL tal-iskola, jirriżulta li l-konvenut qabel li jħallas dawn l-ispejjez[49].

- Jirriżulta wkoll illi l-attriċi kienet għarrfet lill-konvenut preventivament dwar il-ħtieġa għal lezzjonijiet ta' ballet, lezzjonijiet privati tal-matematika, bioloġija u Taljan[50].

- Għalkemm ma jidhirx li ġew provduti riċevuti tal-ispejjeż tal-lezzjonijiet privati tal-matematika għaż-żewġ ulied, filwaqt li l-Qorti tifhem li dan ma kienx dovut għal xi nuqqas da parti tal-attriċi, jirriżulta illi hija kienet għarrfet lill-konvenut permezz ta' messaġġi[51] mibgħuta preventivament bil-miżata għal kull lezzjoni u bl-ammont ta' lezzjonijiet fil-ġimgħa u l-konvenut kien aċċetta

[49] Fol. 65.
[50] Doc. 3f, fol. 66.
[51] Doc. 3a: fol. 61, 62 u 63.

li jħallas sehmu. Minn dan isegwi illi hija bla bażi l-allegazzjoni li għamel il-konvenut fl-Affidavit tiegħu illi huwa qatt ma ngħata informazzjoni dwar l-ammonti dovuti għal dawn il-lezzjonijiet.

- Kwantu għall-ispejjez tal-lezzjonijiet ta' ballet u żfin, il-konvenut jisħaq illi dawn għandhom jitqiesu bħala spejjez estra-kurrikulari li kienu jeħtieġu l-kunsens preventiv tiegħu biex ikun obbligat li jħallas nofs in-nefqa. Iżda l-Qorti ma taqbilx: għall-kuntrarju hija konvinta bil-verżjoni tal-attriċi illi effettivament, dawn il-lezzjonijiet kienu meħtieġa peress li l-ulied kienu għażlu l-Edukazzjoni Fiżika (PE) bħala soġġett għall-eżamijiet fil-Livell Ordinarju u dan is-soġġett kien jirrikjedi li l-istudenti jattendu wkoll lezzjonijiet f'soġġett relatat fuq bażi estra-kurrikulari. Dan jirriżulta ampjament mill-messaġġi skambjati bejn il-partijiet fejn l-attriċi kienet fissret ripetutament il-ħtieġa li t-tfal jitħarrġu fi sport jew attivita' anċillari wara l-ħinijiet tal-iskola sabiex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu l-eżami fil-Livell Ordinarju. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ispejjez li nefqet l-attriċi għall-lezzjonijiet privati fil-ballet u żfin huma spejjez tal-edukazzjoni li ma kienu jenħtieġu l-ebda kunsens preventiv da parti tal-konvenut biex dawn efefttivament jintefqu. B'żieda ma' dan, jiġi osservat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda kontestazzjoni ulterjuri fir-rigward tan-nefqa ta' dawn l-ispejjez ħlief għan-nuqqas tal-attriċi li tipprovdilu kopja tar-riċevuti – liema riċevuti iżda, il-Qorti hija konvinta li kienu debitament ingħataw lill-konvenut skont kif jirriżulta mill-messaġġi esebiti fl-atti kif ukoll mid-dokumenti prodotti mill-konvenut innifsu[52]. Kemm hu hekk, il-konvenut innifsu xehed li hu dejjem aċċetta li uliedu jmorru għal dawn il-lezzjonijiet u kien jaf li kellhom imorru[53].

- Fir-rigward, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva wkoll illi l-konvenut jammetti illi effettivament, uliedu għamlu l-eżami tal-O-Level fis-suġġetti kollha li dwarhom qiegħed jirrifjuta għall-ispejjeż tal-lezzjonijiet li saru wara l-

[52] Ara fol. 129.
[53] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2021, fol. 273 u 274.

ħin tal-iskola, fosthom arti, drama, musical theatre u żfin. Min-naħa tiegħu huwa jikkontendi illi l-iskola kienet tagħti hija stess dawn il-lezzjonijiet u għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li t-tfal jattendu għal dawn il-lezzjonijiet wara l-ħin tal-iskola. Il-Qorti iżda, miżmum ferm il-fatt illi jirriżulta ppruvat illi dawn il-lezzjonijiet kienu meħtieġa għall-fini tal-edukazzjoni tal-minuri fil-livell sekondarju, tqis illi l-ispejjeż tal-lezzjonijiet relattivi huma spejjeż tal-edukazzjoni li ma jeħtieġux qbil minn qabel bejn il-partijiet. Dan, effettivament, hu affermat mill-konvenut innifsu meta xehed in kontro-ezami fejn qal li hu jaqbel li l-attivitajiet li uliedu kienu jattendu wara l-iskola "*kienu parti mill-end of year certificate tal-iskola allura ovvjament l-iskola talbet biex jagħmlu extra kurrikulari barra mill-istudji tagħhom*" u dan minħabba li uliedu huma entrambi *dyslexic*[54].

- Għall-Qorti, il-fatt li skont il-konvenut, dawn il-lezzjonijiet kienu jingħataw mill-iskola nnifisha tkompli tirriafferma din il-fehma għaliex dan ifisser illi dawn is-suġġetti kienu parti mill-kurrikulum akkademiku u l-fatt li uliedu attendew għal lezzjonijiet f'dawn l-istess suġġetti wara l-ħin tal-iskola, ma jistax ħlief ifisser li dawn kienu lezzjonijiet privati li kif diġa' stabbiit, huma spejjez tal-edukazzjoni ma jeħtiġux il-qbil minn qabel taż-żewġ partijiet. Il-fatt, kif jikkontendi l-konvenut, li l-lezzjonijiet ikunu saru wara l-ħin tal-iskola ma jfissirx neċessarjament illi dawn għandhom jitqiesu bħala attivitajiet estra-kurrikulari għaliex kif rajna, il-kelma "estra-kurrikulari" tirreferi għal dawn l-attivitajiet jew soġġetti li ma jkunux parti mill-kurrikulum uffiċjali tal-edukazzjoni, f'dan il-każ, sekondarja, tal-minuri u mhux neċessarjament għal dawk l-attivitajiet u lezzjonijiet li jingħataw wara l-ħin tal-iskola.

- Fil-qies ta' dan kollu l-Qorti ma jibqagħlha l-ebda riżerva biex tqis illi effettivament l-ispejjeż imħallsin mill-attriċi għal-lezzjonijiet ta' **żfin, drama, musical theatre u arti wara l-ħin tal-iskola**, huma spejjez tal-edukazzjoni u fir-rigward issib riskontru l-patt konvenzjonali rispekkjat f'klawsola 9 tal-

[54] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2021, fol. 268.

kuntratt ta' separazzjoni. Il-fatt li wħud minn dawn il-lezzjonijiet inzertaw waqt il-ħin tal-aċċess tal-konvenut għal uliedu, ma jistax jeħles lill-konvenut mill-obbligu tiegħu li jħallas sehmu tal-ispejjez relattivi għaliex huwa ppruvat illi dawn l-ispejjeż saru fl-interess tal-istess uliedu u bħala parti integrali mill-edukazzjoni sekondarja tagħhom[55].

- Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut li kellu dritt iwaqqaf il-ħlas tal-assikurazzjoni medika għat-tfal sempliċement għaliex l-attriċi ma kienetx aċċettat il-proposta tiegħu dwar assikurazzjoni alternattiva, ċioe' li t-tfal jibdew jiġu assikurati taħt polza bi *premium* inqas minn dak li kienet tħallas l-istess attriċi, liema polza kienet offruta bħala parti mill-pakkett finanzjarju marbuta mal-impjieg tiegħu. Mill-provi jirriżulta illi l-konvenut kien jirrifondi lill-attriċi b'mod regolari, sa minn qabel ġie konkluż il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, sehmu mill-ħlas tal-polza tal-assikurazzjoni medika iżda waqaf unilateralment milli jagħmel dan f'Mejju 2015[56] meta l-attriċi rrifjutat il-proposta tiegħu li t-tfal jiġu assikurati taħt il-polza ta' assikurazzjoni offruta mill-kumpannija. Mill-korrispondenza esebita fl-atti l-Qorti fehmet illi l-element ta' fiduċja bejn il-partijiet kien u għadu kompletament ineżistenti u da parti tal-attriċi hija kienet tibża' li jekk il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa tat-tfal tkun intestata f'isem il-konvenut, l-ispejjez li jiġu rifużi mill-assikurazzjoni jiġu perċepiti direttament minnu bil-konsegwenza li jibqa' ma jirrifondihiex tal-ispejjeż mediċi li jkunu sborsati minnha, bl-istess mod li kien ilu jirrifjuta sistematikament milli jirrifondilha sehmu tal-ispejjez l-oħra tas-saħħa u l-edukazzjoni ta' wliedhom.

Il-Qorti tosserva illi l-obbligu tal-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi ma' polza ta' assikurazzjoni medika għall-minuri m'huwiex regolat fil-kuntratt ta' separazzjoni permezz ta' klawsola *ad hoc* u għalhekk il-Qorti tifhem illi dan l-obbligu huwa regolat bit-termini tal-konvenzjoni ġenerali dwar l-obbligu tal-

[55] Il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi l-attriċi m'hijiex qiegħda tippretendi ħlas mingħand il-konvenut ta' spejjeż marbutin ma' lezzjonijiet ta' kant li kienet attivita' purament estra-kurrikulari li għażlet hija stess.
[56] Dok. 6f, fol. 81.

ħlas tal-ispejjeż tas-saħħa, b'dan illi l-konvenut ikun obbligat jirrifondi lill-attriċi nofs l-ispejjeż li tkun ħallset fir-rigward wara li jintwera kopja tar-riċevuta tal-ħlas iżda mingħajr il-bżonn tal-qbil preventiv tiegħu dwar din l-ispiża u dan peress li hija waħda marbuta intrisikalment mas-saħħa tal-minuri. Dan qed jingħad għaliex, indubbjament, il-pagament tal-*premium* dovut fuq polza tal-assigurazzjoni dwar is-saħħa li hija intiża biex tkopri, permezz ta' rifużjoni lill-assigurat, il-ħlas l-ispejjez mediċi u ta' saħħa magħmulin b'rabta mal-eventi assigurati, huwa tabilħaqq spiża marbuta mas-saħħa tal-minuri u konsegwentement, għanda titqies bħala parti mill-ispejjez ta' saħħa regolati mill-klawsola 8 tal-kuntratt ta' separazzjoni. Dan kollu jfisser illi l-fatt li l-konvenut seta' sab polza tal-assikurazzjoni irħas li tkopri l-ħtiġijiet mediċi tat-tfal, ma jnaqqas jew ibiddel xejn mill-obbligi kuntrattwali tiegħu fir-rigward tal-ispejjeż imħallsin minn martu matul is-snin in konnessjoni mal-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-minuri li baqgħet fis-seħħ unikament għall-benefiċċju tal-istess ulied minuri.

Il-Qorti wara li fliet il-prospett imħejji mill-attriċi anke kif riprodott mill-konvenut bil-kummenti tiegħu, tqis illi l-ispejjeż kollha reklamati jidher li huma konnessi mal-edukazzjoni u saħħa tal-minuri, salv dak li ser jingħad. Ma taqbilx illi l-ispejjeż imħallsin mill-attriċi kwantu għal "*Gymnastics*" għaż-żewġt ulied fis-sena 2013 jew "*gym donation*", meta evidentement, it-tfal kellhom biss għaxar snin, huma spejjeż tal-edukazzjoni. Bl-applikazzjoni tal-konsiderazzjoni magħmulin iktar qabel fir-rigward, hu ovvju li dawn il-lezzjonijiet m'humiex marbutin mal-kurrikulum tal-iskola u lanqas setgħu kienu meħtieġa in konnessjoni mal-eżamijiet tal-Livell Ordinarju[57]. Effettivament, l-attriċi taqbel li dawn l-ispejjez huma estra-kurrikulari għaliex hija elenkathom fil-kolonna intestata "*extracurricular*" iżda naqset milli turi sodisfaċjentement illi kienet kisbet l-approvazzjoni *a priori* tal-konvenut għal din in-nefqa. Dan qed jingħad ukoll għaliex fil-prospett korrispondenti esebit mill-konvenut, huwa jindika li ma kienx ta l-approvazzjoni tiegħu għal din l-attivita' partikolari u

[57] Total ta' €115.5 + €82.5 + €36 = €234.00

għalhekk il-Qorti tqis li l-attriċi kellha titressaq prova li hija kienet kisbet preventivament il-qbil tal-konvenut skont il-kuntratt.

L-istess jgħodd għall-ispejjez ta' *contemporary dance* u "*art lessons*" (Chantelle) fis-sena 2016 meta t-tifla kellha biss tlettax-il sena. Ma jistax jingħad illi f'dan l-istadju dawn il-lezzjonijiet kienu meħtieġa għall-fini tal-eżami tal-Livell Ordinarju għalkemm jirriżulta illi eventwalment, it-tifla attendiet lezzjonijiet privati f'dawn is-soġġetti għall-fini tal-eżamijiet fil-livell ordinarju li tat f'dawn l-istess soġġetti[58].

Kif ġie ritenut fis-sentenza ċitata iktar qabel[59]:-

*"S'intendi diversi minn dawn l-ispejjes ma jirrikjedux il-kunsens ta' xulxin, pero' hemm spejjes ohra li ghandhom bzonn kunsens reciproku. F'dan il-kaz, il-parti m'ghandhiex tichad il-kunsens kapriccosament u dejjem ghandha thares l-interessi tal-minuri u fl-istess waqt il-parti l-ohra ghandha dejjem thares li l-istess spiza hija wahda ragjonevoli u mhux ezorbitanti u tinkwadra fil-mezzi tal-parti l-ohra.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti qieset ukoll illi s-somma reklamata mill-attriċi ta' ċirka €9,000, ilha takkumula fuq medda ta' xejn inqas minn tmien snin, talanqas bejn l-2010 u l-ewwel parti tas-sena 2018, li jfisser effettivament illi s-sehem tal-konvenut isarraf fis-somma medja ta' €100 kull xahar għaż-żewġ uliedu, jew €50 fix-xahar għal kull wild. Il-Qorti ma tqisx illi din is-somma hija esaġerata jew irraġjonevoli speċjalment meta wieħed iqis illi parti sostanzjali tal-ispejjeż huma marbutin ma' miżati tal-iskola, uniformijiet, kotba, lezzjonijiet tal-privat għall-fini tal-eżamijiet tal-O Level taż-żewġ ulied u l-assikurazzjoni dwar is-saħħa tagħhom.

---

58 €125 + €45.5 + €39 = €209.50.

59 **Joseph Sammut vs Anne Marie Sammut** moghtija mill-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja fit-28 ta' Novembru, 2019.

Madanakollu, fl-istess ħin il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax dwar il-fatt illi l-attriċi evidentement titlob mingħand il-konvenut nofs ta' kull spiża li tagħmel fir-rigward, negliġibbli kemm hi negliġibbli l-ispiża. Per eżempju fejn sehem il-konvenut ikun ta' 20 ċenteżmu (*handouts*), 50 ċenteżmu (*diary*) 1€ (fotokopji, *stationery* jew donazzjonjiet lill-iskola għaliex ikun per eżempju "*casual day*") jew fejn ikun hemm 54 ċenteżmu neqsin mill-manteniment ta' kull xahar, l-attriċi xorta waħda titlob il-ħlas tal-ammont. Il-Qorti tqis li dawn l-ispejjez għalkemm wieħed jista' jargumenta li lkoll magħdudin, jakkumulaw matul iż-żmien, huma trivjali u jimmanifestaw element ta' pika li fiċ-ċirkostanzi tal-partijiet ma jgħin xejn biex isawwar fiduċja u biex jaġevola ko-operazzjoni li wara kollox, hija xi ħaġa reċiproka. Il-Qorti bl-ebda mod ma hi qiegħda tgħid li dawn l-ispejjeż mhux dovuti iżda ċertament ma tistax ma tappellax lill-attriċi biex tkun iktar raġjonevoli meta tiġi biex tesiġi l-ħlas ta' sehem il-konvenut mill-ispejjeż bħal dawn.

Madanakollu m'hemmx ħjiel ta' xi abbuż min-naħa tal-attriċi. Il-Qorti tissollecita wkoll lill-attriċi wkoll biex tuża aktar prudenza meta tgħaddi riċevuti lill-konvenut sabiex tassigura li dawn ikunu leġibbli: ġaladarba l-konvenut huwa obbligat li jħallas sehmu, huwa għandu dritt ikun jaf ta' x'hiex qed iħallas

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi mill-ammont totali ta' €9,190.16 reklamat mill-attriċi kwantu għas-sehem tal-konvenut tal-ispejjeż tal-edukazzjoni, saħħa u attivitajiet estra-kurrikulari tal-minuri, huwa dovut l-ammont ta' **tmint elef seba' mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€8,746.66).**

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut safejn m'humiex kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba tal-attriċi u tikkundanna lill-konvenut ROBERT BORG iħallas lill-attriċi somma totali ta' disat elef mitejn u tlieta u sebgħin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€9,273.98), rappreżentanti kwantu għas-somma ta' ħames mija u sebgħa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€527.32), awment annwali fil-manteniment u kwantu għas-somma ta' tmint elef seba' mija u sitta u**

**erbgħin Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€8,746.66), sehmu mill-ispejjeż ta' edukazzjoni, saħħa u attivitajiet estra-kurrikulari ta' ulied il-partijiet, bl-imgħax mill-10 ta' Mejju 2018, id-data tal-preżentata tar-Rikors promotur.**

**L-ispejjeż kif mitluba jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**